**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-26 ta' Gunju 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 12/2020 JPG**
**Kawza Numru : 22**

**PM**
**Vs**
**IC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' PM datat 15 ta' Jannar 2020 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat zewwgu gewwa ir-Registru Pubbliku tal-Belt nhar 19 ta' Dicembru 2002 u dan skond estratt mill-Att taz-Zwieg Nru 2140/2002 (hawn anness u mmarkat bhala Dok A) u frott ta' dan iz-zwieg twieldu erbghat itfal; AC f'X, (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok B), SC li twieled nhar f'Y (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok C), CC, li twieldet nhar Z (Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok D) u LC, li twieldet nhar f'W (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok E).*

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment u dana stante adulterju, eccessi theddid u offizi gravi u dana mhux eskluz l-aghar xeni ta' vjolenza fuq il-persuna tal-attrici da parti tal-intimat u ragunijiet gravi ulterjuri u sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment tas-separazzjoni personali.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghall-iktar minn tmien snin u llum il-gurnata l-intimat jinsab detenut gewwa l-Habs ta' Kordin.*

4. *Illi l-intimat ilu snin ma jivversa manteniment, m'ghandu l-ebda kuntatt mal-minuri u lanqas access u ghalhekk l-attrici kellha u ghadha trabbi l-minuri kollha wahidha u tiehu hsieb il-bzonnijiet finanzjarji kollha taghhom.*

5. *Premess illi l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' disrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obligi essenzjali tal-hajja mizzewwga stante li kien hemm anomalija psikologa li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;*

6. *Premess illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-intimat li mix-xorta taghha ttfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

7. *Premess li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-drift ghall-att taz-zwieg;*

8. *Premess illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dawr xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provedimenti opportuni:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Dicembru tas-sena 2002 li gie ccelebrat gewwa r-Registru tal-Belt, Valletta huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet ta' din il-Qorti flimkien mal-avviz tas-smigh gie debitament notifikat skond il-ligi.

Rat illi l-intimat ma ppresenta eda risposta guramentata u ma deherx;

Rat illi l-intimat gie dikjarat kontumaci fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2020 ;

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstemgha kontestawalment mal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 287/2019 JPG u li x-xhieda ta' din il-kawza tapplika ugwalment ghall-kawza 287/2019 u vice versa;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni u l-atti kollha tal-kas;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 23 et seq)*** u spjegat illi hi kienet rat lill-intimat l-ewwel darba fi club f'Bugibba f' Lulju tas-sena 2002, meta hi kellha biss tmintax (18)- il sena. L-intimat kien qalilha li kien qieghed Malta minhabba xi *try-outs* ma' xi *clubs* tal-*football* lokali u li hu kien miz-Z u li missieru kien xi Re ta' xi stat N u li hu kien Princep. Illi wara biss xahar ta' frekwentazzjoni u rapporti intimi, l-attrici tixhed illi f'Awwissu hija bdiet thossha ma tiflahx, u wara accertamenti medici kien irrizulta illi hija kienet tqila. Tishaq illi kif appena hi u l-intimat bdew jghixu flimkien hi bdiet tinduna kemm l-intimat kien qieghed jipprova jezercita kontroll fuqha. Illi meta l-intimat kien propona illi l-attrici ghandha taghmel abbort, u l-attrici rrifjutat, l-intimat kien heddidha illi ha jitlaq lejn il-Canada. Illi filfatt, ftit jiem wara, l-intimat kien telaq mid-dar, u wara li l-attrici kienet infurmat lill-familjari tieghu b'dan kollu, huwa kien irritorna lura d-dar izda l-attitudni tieghu lejha kienet inbidlet kompletament. Illi minkejja li ommha kienet wissietha biex ma tikkommettix ruhha mieghu, hija kienet qieghda taghmel minn kollox sabiex din ir-relazzjoni tahdem, tant illi meta f'Novembru tas-sena 2002, meta l-intimat kien ta ultimatum illi hi kellha tizzewgu nkella huwa kien ser jitlaqha, hija cediet, u filfatt izzewgu fid- 19 ta' Dicembru ta' dik l-istess sena, 2002. L-attrici tammetti illi hi ma kienitx infurmat lil ommha b'dan. Illi fil-frattemp, huma marru jirrisjedu f'appartament f'Bugibba, izda dan l-appartament ma kienx mghammar sew, u kien nieqes minn hafna bzonnijiet bazici. Illi f'dan l-istadju, l-attrici kienet waslet biex twelled. Illi

kif bdew jirrisjedu f'dana l-appartament, l-intimat sar vjolenti u l-attrici gharfet verament x'tip ta' persuna kien.

Tixhed illi gimgha qabel ma weldet lil binhom, l-intimat kien ta daqqa ta' hartha fuq wiccha, tant li bl-impatt hija kienet waqghet mal-art. Illi l-intimat kien kontinwament jinsultaha ghaliex ma kienitx issajjar l-ikel li kien ihobb. Illi dakinhar li dahlet twelled, l-intimat ma riedx li omm l-attrici tkun prezenti u dan minkejja li l-attrici talbitu ghal dan. Illi filfatt wara li twieled il-minuri, l-attrici ghamlet hdax(11)- il xahar ma tara l-ommha. Illi wara biss xahar mit-twelied tal-minuri, l-attrici kellha tfittex xoghol sabiex tkun tista tmatni lilha nnifisha u lil binha, ghaliex l-intimat irrifjuta li jhallas il-kera jew li jixtri l-affarijiet necessarji ghat-tarbija. Illi filfatt l-attrici spiccat tahdem tliet (3) xoghlijiet, waqt li shabha kienu jzommu lill-minuri. Illi minhabba dan l-i*stress* kollu, l-attrici spiccat tilfet it-tieni tarbija taghha. Tispjega illi gimgha qabel il-korriment, l-intimat kien ta daqqa ta' ponn fuq zaqqha u fuq daharha. Illi wara l-korriment l-attrici flimkien mal-minuri marret tirrisjedi m'ommha, u tul dan il-perjodu l-intimat kien qieghed igib ruhhu bl-ahjar mod. Illi kif appena marret lura fl-appartament taghhom gewwa Bugibba, l-intimat rega beda jgib ruhhu hazin, billi jhalliha wahedha d-dar, johrog flghaxijiet, imur fil-*clubs* u kien jirritorna d-dar l-ghada filghodu. Illi rega kien qieghed ikun vjolenti mal-attrici u hi kienet ghadha tittama li r-relazzjoni tirnexxi. Illi f'dan l-istadju kienet tisma lil shabu jghajtulu bl-isem "IC".

Tispjega kif l-intimat kien jheddidha kontinwament, u kien isakkar lilha u lill-minuri f'kamra, u kien jaghtihom biss barmil u bicca hobza x'jieklu. Is-swat ma waqaf qatt, tant li l-attrici ta' sikwiet kienet tispicca bi *black eye*. Illi tul dan il-perjodu kienet avvicinata minn diversi nisa li kellhom relazzjonijiet intimi mal-intimat, u kienu spjegawlha illi huma ma kienux jafu illi kien mizzewweg. Illi minkejja dan l-intimat, kien irnexxilu jipperswadi lill-attrici sabiex ma titilqux u li hu kien dispost li jaghmel dak kollu necessarju sabiex iz-zwieg taghhom jirnexxi. Illi filfatt l-attrici regghet harget tqila ftit wara. Illi kif l-intimat sar jaf illi l-attrici kienet tqila, il-vjolenza u r-rabja kompliet tizdied meta saru jafu illi t-tarbija kienet ser tkun tas-sess femminili. Illi meta waslet biex titwieled it-tarbija, kienet ommha li haditha l-isptar u filfatt l-intimat wasal hekk kif twieldet it-tarbija u telaq wara siegha. Illi sakemm kienet l-isptar l-intimat kien rega ta daqqa ta' ponn lill-attrici f' zaqqha. Illi kif gara dan, l-attrici bdiet tara d-demm. Illi wahda mill-*midwives* rat dan kollu u filfatt kienet ghamlet rapport. Illi wara ftit xhur mit-twelied tat-tifla, l-attrici kienet irceviet telefonata illi l-intimat kien ser jinbaght lura Malta ghaliex kien prova juza passaport falz sabiex jitlaq mill-pajjiz, u ma kiex ser jithalla jidhol lura Malta.

Illi fl-2005, l-intimat mar lura n-N ghal xahar, u tul dan il-perjodu qatt ma ghamel kuntatt mal-attrici. Illi f'din is-sena, l-attrici tixhed illi bl-ghajnuna finanzjarja ta' ommha, kienu akkwistaw appartament u garage f'Pembroke minghand il-Housing Authority. Illi mas-snin, l-intimat beda anke jgib nisa d-dar u jinghalaq maghhom fil-kamra tas-sodda. Illi minn hemm is-sitwazzjoni bdiet teskala u darba minnhom kienet sabet anke zewgt irgiel fl-appartament taghhom f'Bugibba, u kien hemm riha ta' hruq u sommom kbar ta' flus. Illi filfatt ftit wara giet infurmata illi l-intimat kien gie arrestrat fuq traffikar tad-drogi. Illi di piu' l-attrici kienet saret taf illi l-intimat kellu wild iehor minn relazzjoni ohra. Illi minkejja dan kollu, hi kienet talbet il-flus lil hbieb u familjari taghha ghall-*bail* tal-intimat. Illi meta l-intimat kien gie rilaxxat mill-habs, kien bhal bniedem riformat, u kien jaghmel hafna hin gewwa id-dar maghhom. Illi filfatt kellhom zewgt itfal ohra, LC twieldet fis-sena 2008 u SC fis-sena 2010. Illi pero' din is-sitwazzjoni ma damitx wisq u l-intimat rega beda jkun vjolenti, u filfatt kien anke beda jisraq il-ftit flus li kellhom.

Tixhed illi l-intimat qatt ma pprovda ghat-tfal, u filfatt kien jishaq mat-tfal sabiex jghajtulu U u mhux papa'. Illi meta l-minuri AC kellhu bejn tliet (3) snin u sitt (6) snin, l-intimat kien qabad jaghtih bil-wooden spoon u anke bi spalliera jew zarbuna. Tul l-affidavit taghha, l-attrici isemmi diversi episodji ohra ta' vjolenza perpetrati mill-intimat fuq il-persuna taghha jew tal-minuri. Illi minkejja diversi proceduri gudizzjarji, kemm ta' natural kriminali inkluz dawk ghall-manteniment, l-intimat qatt ma hallas manteniment ghall-uliedu. Tishaq illi ilha ghaxar snina tipprova tottjeni is-separazzjoni, izda qatt ma rnexxilha ghaliex b'xi mod jew iehor l-intimat dejjem kien jirnexxilu jezercita l-kontroll tieghu fuq l-attrici u meta kien jattendi ghal xi medjazzjoni, kien biss interessat fil-propjeta.

Tishaq illi l-intimat abbuza mill-ingenwita' u l-eta zghira taghha u li dan iz-zwieg kien biss wiehed ta' konvenjenza ghall-intimat.

***AC, bin il-partijiet xehed permezz ta' affidavit (vide fol 38 et seq)*** u spjega illi huwa jiftakar lill-intimat, u cioe lill-missieru. Jishaq illi lill-intimat kien isejjahlu "U" u mhux papa' peress li l-intimat qatt ma riedhom jghatulu papa.' Jiftakar illi missieru dejjem kien vjolenti ma' ommu u kien jinsultaha ghalxejn b'xejn. Illi filfatt huwa jiftakar lil ommu dejjem tibki, u meta missieru kien jerfa' jdejh fuq ommu, huwa kien jidhol f'nofshom, u filfatt

darba minnhom missieru kien spicca xehtu in-naha l-ohra tal-kamra. Izid illi missieru kien vjolenti anke mieghu. Jixhed illi hu u hutu kienu jhossuhom siguri biss meta kienu jmorru jorqdu ghand in-nanna. Jispjega illi hu kien jahseb li s-sitwazzjoni li kienu qieghdin jghixu hu u l-familja tieghu kienet in-norma, u nduna illi dan ma kienx minnu meta kien ikun mistieden ghand shabu. Illi llum huwa konsapevoli illi omm kienet imwerwra minn missieru. Jirrakonta episodju wiehed fejn waqt li hu u hutu kienu qieghdin fil-karozza ma' ommhom, missieru prova jahbat go fihom. Illi xhin ommhom waqfet, missieru gie ghalihom b'sikkina kbira. Illi x'hin ommu regghet saqghet, missieru baqa jsegwihom sakemm ommu irnexxilha ssuq u gew mghejuna minn pulizija. Illi l-unici memorji li ghandu ta' missieru huma ta' persuna krudili u rrabjata.

***CC, bint il-partijiet, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 41et seq)*** u spjegat illi meta kienet zghira, kienet tqatta hafna granet flimkien man-nanna, izda qatt ma kienet taf ghalfejn kien jigri dan. Illi pero' tiftakar id-diversi iljieli fejn ommha kienet tigi msawtha minn missierha. Izzid illi U qatt ma kien gentili maghhom. Illi fl-affidavit taghha, ix-xhud taghmel referenza gahll-episodju deskritt minn huha, meta l-intimat kien saq warajhom bil-karozza, fejn imbaghad hebb ghalihom l-ewwel b'sikkina kbira, imbaghad b'baseball bat. Tixhed illi tiftakar li l-intimat kien isawwat lil huha AC.

***HM, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit, (vide fol 43 et seq)*** u spjegat illi l-ewwel darba li iltaqghet mal-intimat kien gewwa l-isptar Capua l-ghada li hija saret taf illi l-attrici kellha tlett xhur tqala. Hija kienet wissiet lill-attrici sabiex ma tikkomettix ruhha ma' dan il-bniedem, izda ftit xhur wara, l-attrici zzewget lill-intimat, minghajr l-gharfien taghha. Illi filfatt hija saret taf b'dan iz-zwieg xahrejn wara. Ix-xhud tishaq illi l-intimat ried jakkwista *freedom of movement*, u kien approfitta mill-attrici li dak iz-zmien kien ghad kellha biss tmintax (18)- il sena. Illi eventwalment l-intimat kien irnexxilu jaljena lill-attrici minn ommha, u filfatt ix-xhud tispjega illi ghaddew diversi xhur qabel hi u bintha regghu iltaqghu, tant li ix-xhud ma kienix rat lit-tarbija AC hekk kif twieled. Illi wara hdax- il xahar, kienet irciviet telefonata minghand l-ex ragel taghha, fejn kien infurmaha illi bintha kienet qieghda tara kwantita ta' demm. Illi minn hemm hija rat b'ghajnejha l-istat pietuz li fih kienu qieghdin jghixu bintha u t-tarbija. Illi sussegwentement saret taf illi l-attrici kienet tqila bit-tieni wild taghha, izda kienet korriet minhabba li kienet qieghda tipprova tlahhaq ma diversi xoghlijiet sabiex setghet tipprovdi ghaliha u ghall-minuri AC.

Illi f'dan il-perjodu kienet ix-xhud li kienet thallas il-kera tal-post fejn kienu qieghdin jirrisjedu l-attrici, l-intimat u l-minuri AC u kienet ukoll tipprovdilhom dak kollu necessarju. Illi fis-sena 2005, kienet ghenet lill-attrici b'mod finanzjarju sabiex takkwista flat u garage minghand il-Housing Authority gewwa Pembroke, stante li l-intimat qatt ma refa' din ir-responsabbilita.' Illi eventwalment l-attrici weldet tliet (3) ibniet ohra.

Tishaq illi z-zwieg tal-partijiet kienet wiehed turbolenti u vjolenti, b'dana illi bintha kienet tigi msawtha miz-zewgha. Illi minkejja lil-attrici ghamlet diversi rapport mal-Pulizija, bezghat tiehu passi kriminali fil-konfront ta' zewghha. Illi l-intimat kien sahansitra jaghtiha bil-ponn go zaqqa anke meta kienet tqila. Illi minn ricerka li hija kienet ghamlet kien irrizulta illi kien hemm diversi proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-intimat relatati ma' diversi passaporti b'kunjomijiet u ismijiet diversi. Illi eventwalment, irrizulta ukoll illi l-intimat kien involut fi traffikar tad-droga, fejn kien gie misjub hati u intbaghat il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Illi f' Novembru tas-sena 2010 kienet anke inharget Protection Order favur l-attrici kontra l-intimat.

Tirrileva illi l-intimat izzewweg lill-attrici ghal konvenjenza personali tieghu, u ghamel minn kollox sabiex jikkontrolla lill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat nhar id-19 ta' Dicembru 2002, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta'Malta bin-numr 2140/2002 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-process. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal; filwaqt illi AC illum huwa maggiorenni, u CC ser taghlaq X-il sena f'Ottubru, SC u LC ghandhom minuri u ghandhom Y-il sena u Z-il sena rispettivament.

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu fl-2002, waqt li l-intimat kien qieghed Malta bil-hsieb illi jintaghzel biex jilghab f'*team* Malti tal-*football*. Illi wara konoxxenza brevi ta' xahar, l-attrici harget tqila bl-ewwel wild tal-partijiet. Illi fid-19 ta' Dicembru 2022, il-partijiet izzewwgu gewwa r-Registru Pubbliku.

Mill-atti jirrizulta illi l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri. Ciononostante l-intimat inghata l-fakolta' li jintavola nota ta' sottomissjonijiet. Din il-Qorti tosserva illi l-intimat

prezenta nota nhar is-16 ta' Mejju 2023, fejn huwa indika illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghall-annullament.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm m'hemmx oggezzjoni da parti tal-intimat ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg tal-partijiet, dan ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina

l-meritu tat-talbiet tal-attrici sabiex tistabilixxi jekk jissussistux o meno l-kawzali t'annullament moghtija mill-attrici, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita'.

Gie rilevat illi:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett.***[1]

Fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita' ` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***

[1] Vide Rik.Gur.Nru.: 219/2016RGM fl-ismijiet: L-Avukat AB vs ED deciza nhar il-31 ta'Jannar 2018.

***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza millQorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li żżwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 19(1)(c),(d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 19(1)(c) jipprovdi illi zwieg ikun null:

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor***[2] fejn gie dikjarat li "

> ***Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta.`"***
>
> ***1) il-qerq jigi perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;***
> ***2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;***
> ***3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra;***[3]
> ***4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.***

Mhux necessarju li l-hajja mizzewga giet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel. Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra.[4] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li tahbi tali vizzju jew mard mill-konjugi l-iehor qabel iz-zwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[5]

Illi fir-rigward tal-kawzali kontemplati fis-subincizi (d) u (f), gie ritenut fil-gurisprudenza illi dawn tali talbiet huma kontradittorji. Il-Qorti taghraf illi din il-kontradittorjeta, ghalkemm ma twassalx ghan-nullita tal-azzjoni, ta' bilfors twassal sabiex dawn il-kawzali kontradittorji

---

2 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

3 Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

4 Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

5 Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

idghajjfu lil xulxin. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernadette Zammit*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Jannar 2006:

> ***L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.***

L-artikolu 19 (1) (d) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.***

Rigward l-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Zammit vs Zammit*** citata aktar -il fuq:

> ***Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.***
>
> ***Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-***
>
> ***“la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica***

> ***proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97.)"***

Fuq l-istess materja, inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

> ***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.***

Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza, a bazi tat-taghlim ta' Bersini, tezisti presunzjoni fil-ligi illi kull min jaghlaq it-tmintax -il sena huwa kapaci li jizzewwg u li ghalhekk jispetta lil min iqajjem il-kawzali prevista f'dan is-sub-inciz illi jressaq prova kontrarja sodisfacenti. Inoltre, il-livell ta' maturita jew immaturita tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaliex huwa l-mument tal-ghoti tal-kunsens li huwa rilevanti fil-kuntest ta' kawza annullament u mhux dak li gara wara waqt iz-zwieg tal-partijiet. Kif intqal fis-sentenza ***Cusens vs Cusens*** citata aktar -il fuq:

> ***Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew irrelazzjoni taghhom.***

Illi l-artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Stabbiliti dawn l-insenjamenti legali, il-Qorti tgħaddi, sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura tul il-mori tal-proceduri.

Din il-Qorti ghandha d-dover li tevalwa bir-reqqa l-provi li ngabu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu konkreti, konvincenti u li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant illi l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriccozament.

Din il-Qorti taghraf illi mill-assjem tal-provi in atti, jidher illi kemm l-attrici u anke omm l-attrici jishqu fuq il-premessa illi ghall-konvenut iz-zwieg tieghu mal-attrici kien wiehed purament ta' konvenjenza. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalhekk ghandha l-ewwel titratta l-kawzali msejsa fuq l-Artikolu (1) (f) tal-Kap 255, b'mod li jekk din il-kawzali tirrizulta, ma jkunx mehtieg li jigu trattati wkoll il-kawzali l-ohra invokati mill-attrici fir-rikors promotur.

Kif jghallem il-gurista Francesco Bersini fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…***

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenzja jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi. Partikolari fir-rigward ta' kazijiet fejn il-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jahdem Malta, intqal illi:

> ***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.***

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija moralment konvinta illi l-intimat abbuza mill-genwinita' tal-attrici sabiex huwa jkun jista jibqa' jirrisjedi Malta u eventwalment jikseb cittadinanza Maltija. Illi filfatt, mix-xhieda mhux kontrastata tal-attrici huwa evidenti illi kull darba li l-attrici kienet tiddeciedi li ser tittermina r-relazzjoni, l-intimat kien jaghmel minn kollox sabiex ibiddilha fehmtha ghaliex kien konxju tal-fatt illi l-permanenza tieghu f' Malta tiddependi fuq il-permanenza taz-zwieg tieghu mal-attrici.

Illi mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici u dik ta' ommha, huwa evidenti illi z-zwieg kien wiehed purament ta' konvenjenza ghall-attur u li l-kunsens tal-intimat kien biss wiehed simulat. Mit-testomjanza tal-attrici huwa manifest illi l-intimat eskluda *ab initio* z-zwieg u kwazi dak kollu li jikkomporta z-zwieg, u li ghalkemm il-partijiet kellhom erbat itfal, l-ulied ghall-intimat kien biss ghodda biex jikkostringi lill-attrici tibqa' f'dana z-zwieg u konsegwentement huwa jibqa jirrisjedi Malta.

Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f). Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg tal-partijiet null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-imsemmi Att.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fid- 19 ta' Dicembru 2002 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.**

**Spejjes a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**